



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 48/16**

il-Lussemburgu, l-4 ta' Mejju 2016

Sentenzi fil-Kawżi C-358/14 Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-477/14  
Pillbox 38(UK) Limited vs Secretary of State for Health u C-547/14 Philip  
Morris Brands SARL et vs Secretary of State for Health

## **Id-Direttiva l-ġdida tal-Unjoni Ewropea dwar il-prodotti tat-tabakk hija valida**

*Kemm l-istandardizzazzjoni estensiva fl-ippakkjar kif ukoll il-projbizzjoni futura tas-sigaretti tal-mentol fl-Unjoni u l-leġiżlazzjoni speċifika dwar is-sigaretti elettroniċi huma legali*

Id-direttiva l-ġdida tal-2014 dwar il-prodotti tat-tabakk<sup>1</sup> għandha l-għan, minn naħa, li tiffaċilita l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-prodotti tat-tabakk u tal-prodotti relatati, billi tiegħu bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u, min-naħa l-oħra, li tosserva l-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk<sup>2</sup>.

Din id-direttiva tippredvi b'mod partikolari l-projbizzjoni, mill-20 ta' Mejju 2020<sup>3</sup>, tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tat-tabakk li fihom togħma karatterizzanti kif ukoll l-istandardizzazzjoni tal-itikkettjar u tal-ippakkjar tal-prodotti tat-tabakk. Barra minn hekk, hija tistabbilixxi sistema speċifika għas-sigaretti elettroniċi.

Il-Polonja, sostnuta mir-Rumanija, tikkontesta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-projbizzjoni tas-sigaretti tal-mentol (Kawża C-358/14). F'żewġ kawżi oħra (C-477/14 u C-547/14), il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) [qorti tal-ġustizzja għolja (l-Ingilterra u Wales), taqsima tal-qorti tar-Reġina (qorti amministrattiva)], tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk numru ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-prodotti tat-tabakk humiex validi.

Permezz tas-sentenzi tagħha tal-lum, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors tal-Polonja u tikkonferma l-validità tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva** li hija eżaminat.

**F'dak li jikkonċerna l-ewwel nett il-projbizzjoni tas-sigaretti tal-mentol**, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-prodotti tat-tabakk li fihom togħma karatterizzanti (kemm jekk tal-mentol jew aroma oħra) għandhom, minn naħa, karatteristiċi oġġettivi analogi u, min-naħa l-oħra, effetti simili f'dak li jikkonċerna l-bidu tal-konsum tat-tabakk u ż-żamma tat-tipjip. Hija tfakkar li l-mentol, permezz tal-aroma pjaċevoli tiegħu, ifittex li jagħmel il-prodotti tat-tabakk iktar attraenti għall-konsumaturi u li t-tnaqqis tal-ġibda lejn dawn il-prodotti jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tipjip u għad-dipendenza kemm fost il-konsumaturi ġodda kif ukoll fost il-konsumaturi abitwali.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li meta d-Direttiva kienet adottata kienu jeżistu diverġenzi sinjifikattivi bejn il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, billi xi wħud minnhom kienu stabbilixxew listi differenti ta' togħmiet permessi jew ipprobiti, filwaqt li oħrajn ma kinux adottaw leġiżlazzjoni speċifika dwar dan il-punt. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li, billi tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tat-tabakk li fihom togħma karatterizzanti, id-Direttiva timpedixxi tali żvilupp eteroġenu tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li tali projbizzjoni tiffaċilita l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-prodotti

<sup>1</sup> Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' April 2014, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, p. 1).

<sup>2</sup> Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk, iffirmata f'Genève fil-21 ta' Mejju 2003.

<sup>3</sup> Din il-projbizzjoni tapplika għall-prodotti tat-tabakk li fihom togħma karatterizzanti speċifika, li l-volum ta' bejgħ tagħhom fil-livell tal-Unjoni jirrappreżenta 3 % jew iktar f'kategorija ta' prodotti speċifiċi.

tat-tabakk u tal-prodotti relatati u fl-istess ħin hija wkoll xierqa sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, partikolarment għaż-żgħażaġħ.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-leġiżlatur tal-Unjoni seta' leġittimament, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu, jimponi tali projbizzjoni, peress li l-miżuri inqas restrittivi rrakkomandati mill-Polonja ma jidhru li huma daqstant adegwati sabiex jiksbu l-għan imfittex. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, la ż-żieda fil-limitu tal-età li minnha huwa permess il-konsum ta' daww il-prodotti tat-tabakk biss li fihom toġħma karatterizzanti, la l-projbizzjoni tal-bejgħ transkonfinali tal-prodotti tat-tabakk, u fl-aħħar nett, lanqas l-inklużjoni fuq it-tikketta ta' twissija tas-saħħa li tindika li l-prodotti tat-tabakk li fihom toġħma karatterizzanti jagħmlu ħsara lis-saħħa daqs il-prodotti tat-tabakk l-oħra, ma jistgħu jnaqqsu mill-ġibda lejn dawn il-prodotti u, għaldaqstant, jimpedixxu l-bidu tal-konsum tat-tabakk ta' persuni li l-età tagħhom hija oġħla mil-limitu magħżul. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali projbizzjoni ma tiksirx il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

**F'dak li jikkonċerna l-istandardizzazzjoni tal-ittikkettjar u tal-ippakkjar tal-prodotti tat-tabakk,** il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett tippreċiża li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu rekwiżiti ġodda biss għal dak li jikkonċerna l-aspetti tal-ippakkjar tal-prodotti tat-tabakk li ma humiex armonizzati mid-Direttiva.

Fir-rigward ta-projbizzjoni li jitqiegħdu fuq l-ittikkettjar ta' pakkett individwali, fuq l-ippakkjar estern, kif ukoll fuq il-prodott tat-tabakk innifsu, elementi jew karatteristiċi li jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' dawn il-prodotti jew biex jinkoraġġixxu l-konsum tagħhom, anki jekk tali elementi jew karatteristiċi huma fattwalment eżatti, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li din il-projbizzjoni, minn naħa, hija ta' natura tali li tipproteġi lill-konsumaturi kontra r-riskji marbuta mat-tipjip, u min-naħa l-oħra, din il-projbizzjoni ma taqbiżx il-limitu ta' dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. Hija tikkunsidra wkoll bħala proporzjonati daww ir-regoli li essenzjalment jirrigwardaw l-integrità tat-twissijiet tas-saħħa wara l-ftuħ tal-pakkett, il-post u d-daqs minimu tat-twissija tas-saħħa ġenerali, kif ukoll il-forma tal-pakketti individwali tas-sigaretti u n-numru minimu ta' sigaretti għal kull pakkett individwali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma marx lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċessarju meta pprovda li kull pakkett individwali jew ippakkjar estern għandu jkollu fuqu twissijiet tas-saħħa li jikkonsistu f'messaġġ u f'fotografija bil-kulur u li jkopru 65 % tas-superfiċċi esterna quddiem u wara kull pakkett individwali.

**Fir-rigward tas-sistema speċifika applikabbli għas-sigaretti elettroniċi,** li tipprevedi b'mod partikolari obbligu għall-manifatturi u għall-importaturi li jinnotifikaw lill-awtoritajiet nazzjonali b'kull prodott li huma jkunu jixtiequ jqiegħdu fis-suq (flimkien ma' obbligu ta' standstill ta' sitt xhur), twissijiet speċifiċi, limitu fil-kontenut ta' nikotina ta' 20 mg/ml, obbligu li jinkludu fuljett separat, projbizzjoni speċifika ta' reklamar u ta' sponserizzazzjoni kif ukoll obbligi ta' rapportar annwali, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li dawn is-sigaretti għandhom karatteristiċi oġġettivi differenti minn daww tal-prodotti tat-tabakk. Għaldaqstant, billi jissuġġetta dawn is-sigaretti għal sistema legali distinta u, barra minn hekk, inqas stretta minn dik applikabbli għall-prodotti tat-tabakk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kisirx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, minħabba li s-suq tas-sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika qed jikber, id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet li dawn il-prodotti għandhom jissodisfaw jistgħu, min-natura tagħhom stess, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, jikkostitwixxu ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata wkoll li billi tippermetti lill-Istati Membri jipprojbixxu l-bejgħ transkonfinali mill-bogħod tas-sigaretti elettroniċi kif ukoll tal-kontenituri ta' rikarika u billi timponi ċerti regoli komuni fuq l-Istati Membri li ma jipprojbixx dan, id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jipprekludu l-evitar tar-regoli ta' konformità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li r-riskji magħrufa u potenzjali marbuta mal-użu ta' sigaretti elettroniċi wasslu lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jaġixxi konformement mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' prekawzjoni. F'dan ir-rigward, l-issuġġettar tas-sigaretti elettroniċi għal sistema ta' notifika ma jidhri li huwa manifestament mhux xieraq jew li jmur manifestament lil hinn minn dak li

huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-argument li l-obbligu fuq il-manifatturi u fuq l-importaturi ta' sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika li jissottomettu, kull sena, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ċerta informazzjoni li tippermetti lil dawn l-awtoritajiet li jissorveljaw l-evoluzzjoni tas-suq jikser il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali. Bl-istess mod, bl-iffissar tal-limitu massimu ta' nikotina li jista' jkun tinsab fil-likwidu tas-sigaretti elettroniċi għal 20 mg/ml, il-leġiżlatur tal-Unjoni la aġixxa b'mod arbitrarju u lanqas ma eċċeda manifestament il-limiti ta' dak li kien xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tad-Direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara wkoll li ma huwiex sproporzjonat li jintalab li l-pakketti individwali tas-sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika jinkludu fuljett separat u li lanqas ma huwa sproporzjonat li jiġu pprojbati, essenzjalment, il-komunikazzjonijiet kummerċjali u l-isponsorizzazzjoni tas-sigaretti elettroniċi u tal-kontenituri ta' rikarika tagħhom. Barra minn hekk, il-projbizzjoni imposta fuq l-operaturi ekonomiċi milli jipromwovu l-prodotti tagħhom ma taffettwax il-kontenut essenzjali tal-libertà tal-imprezza u tad-dritt għall-proprjetà li huma rrikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li s-sistema speċifika applikabbli għas-sigaretti elettroniċi ma tiksirx il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

---

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenzi ([C-358/14](#), [C-477/14](#) u [C-547/14](#)) jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*